Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 144 / 2017**

Il-Pulizija

vs

**Tracey Borg**

Illum, 9 ta' Jannar, 2020,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Tracey Borg, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 417574M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Matul ix-xahar ta' Marzu 2016, b'diveri atti magħmulha minnha ukoll jekk fi żmenijiet differenti u li jiksru l-istess diżpozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda f'dawn il-Gżejjer-

a. F' post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artikolu 7 (2) tal-Kap 63 tal-Liġijiet ta' Malta; u
b. saret reċediva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenzi mogħtija lilha mill-Qrati Kriminali (Malta), u li saru definittivi u ma jistgħux jiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Marzu, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 7 (2) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 18, 31, 49 u 50 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha u tikkundannaha ghal tmien (8) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Tracey Borg minnha pprezentat fit-3 t' April, 2017, fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija fejn sabet htija u l-piena inflitta fuqha dik ta' tmien xhur prigunerija u minflok ma ssibx lill-imputata hatja tal-akkuzi u tillibera minnhom.

Rat **illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'dan li ġej.**

1. Fl-ewwel lok l-esponenti qieghda tissotometti illi l-fatt li kienet miexja f' triq li is-soltu jimxu l-prostituti ma jfissirx li qieghda titlajja. Tant hu hekk li maz-zmien ossia mat-trapass tal-hin ix-xhieda li rawha fit-triq had ma tellaghha f' xi vettura jew hadha l' hemm. Dan juri bic-car illi l-esponenti ma kienetx qieghda titlajja.

2. Ukoll jekk wiehed imur Paceville u jara lit-tfajliet kollha lebsin skullat u b' xi dublett qasir u probabbli jilghabu b' xagharhom, dan ifisser li huma kollha prostitute?. Zgur li m' huwiex il-kaz u ghalhekk ma ngabitx il-prova sufficcjenti kif rikjest mill-Ligi sabiex tinstab htija.

Semghet lill-partijit jittrttaw il-kaz u dan fis-seduta tat-11 ta' Diembru 2019.

Rat l-atti tal-kawza.

Ikkunsidrat,

Nhar l-24 ta' Frar 2017 (fol. 50) xehed **PC 101 Ruznai Gaffarena** u spjega li fit-8 ta' Marzu, 2016 huwa flimkien ma kollega tieghu WPC 60 kienu qed jghamlu ronda gewwa ta' Xbiex u l-Gzira bit-tir li jolqtu nix li kienu qedin fl-ekwati tat-tlajjar ta' prostituzzjoni. Fil-hdax neqsin ghoxrin (10.40pm) ta' dak il-jum stess waqt li kienu

ghaddejjin minn Triq Enrico Mizzi mmuntaw persuna femminili tippassigja u titlajja u waqfu hdejha, identifikaw ruhhom maghha bhala pulizija u talbuha l-particulars taghha. Huwa gharaf l-appellanti seduta stante bhala l-istess persuna li kienu waqfu. Dak in-nhar jghid li tawha verbal warning u qalulha biex ma toqghodx hemm. Pero gara li t-tieni darba, l-ghada nhar id-9 ta' Marzu, 2016 ghal habta tas-saghtejn neqsin ghaxra regghu rawha izda din id-darba fi triq Testaferrata kantuniera ma Enrico Mizzi.

Spjega li dak in-nhar rawha titlajja twaqqaf il-karozzi. Spjegawlha li ma kellhiex taghmel hekk izda kien kollu ghal xejn. Qal li meta tghaddi karozza qadet tipprova tattira l-attensjoni tas-sewwieq taghha billi iddur, tigbed l-ghajnejn, u timxi b'mod u manjera partikolari. Kienet titla u tinzel fl-istess triq tittanta il-karozzi ghaddejjin u gili anke marret ghal nofs it-triq. Kienet libsa dublett qasir hafna ahmar u gakketta sewda.

Qal ukoll li regghu rawha fis-17 ta' Marzu, 2016 fi Triq Testaferrata kantuniera ma Enrico Mizzi ghall-habta ta' nofs il-lejl u sitt minuti u qaluluha biex titlaq minn fuq il-post. Pero dakinhar regghu rawha ghall-habta ta' 12.35 fl-istess ekwati. Waqfuha u qalulha li kienu ser itellugha il-Qorti.

**WPC 60 Grace Bartolo** xehdet u spjegat li nhar it-8 ta' Marzu, 2016 ghall-habta tal-10.40p.m. kienu qed ighamlu r-ronda fl-inhawi tal-Gzira ta' Ta' Xbiex u innutaw persuna femminili tippassigja u titlajja fi Triq Enrico Mizzi, Ta' Xbiex. Rawha ghal xi hin u bdiet tippassigja. Wara ftit waqfu ma genbha fejn qalulha li huma pulizija u talbuha d-dettalji taghha u ikkonfermat li kienet l-akkuzata odjerna.

Qalet ex asmissis *"li l-appellanti kienet tiela' u niezla l-istess triq minn naha ghal ohra titlajja esagg jigifieri min naha ghal ohra. "*

Mistoqsija x'kienet libsa tghid li kellha dublett qasir ahmar gakketta sewda u boots twil sa rkuptejha.

Tghid li aktar tard fl-istess lejl ghal habta tas- 1.50a.m regghu kienu qed ighamlu ronda fi Triq Testaferrata kantuniera ma Enrico Mizzi u regghu innutaw lill-appellant titlajja u

tippassegja fit triq u taqsam min naha ghal ohra. Waqfu ma genbha u hemmhekk qalulha li ha johorgu l-akkuzi fil-konfront taghha u dak il-hin qaltilhom li kient sejra 'l hemm.

Ix-xhud spjega li dik l-area hija mgharufa ghal Prostituzzjoni u ta' nisa specjalent li jitlajjaw f'dawk l-inhawi u tiltaqa' maghhom kwazi kul lejl.

Fuq data ohra tas-17 ta' Marzu, 2016 hija flimkien ma WPC 9 PC 101 kienu qed ighamlu ronda u ghall habta ta' 1205a.m fi Triq Enrcio Mizzi k/m Triq Testaferrata reggu raw lill-appellanti qieghda hemm. Kelmuha u din qaltilhom li kienet ser titlaq. Pero aktar tard dak il-lejl ghall-habta ta' 12.40a.m regghu ghaddew minn hemm u rawha fl-istess post fi Triq Testaferrata. Kienet qed tippassigja u titlajja u taqsam fl-istess triq. Waqfu ma genbha u qalulha li kienu ser johorgu akkuzi godda. Din id-darba kienet libsa boots, twil sa l-irkoppa libsa qasira irrigata bl-abjad u iswed.

Mistoqsija fejn tghix l-appellanti tghid li sa fejn taf hi B'kara ma ommha pero' fiz-zmien tar-rapport kienet tghix San Pawl.

In kontro esami mistqosija jekk l-appellanti rikbitx ma xi hadd tghid li le. Mistoqsija jekk waqfux xi sewwieqa li kelmu lill-appellanti tghid li le ghaliex dawn ma jkunu qed ighamlu xejn hazin.

**WPC 9 Abigail Fenech Pomroy** xehdet nhar l-24 ta' Frar, 2017 u kkonfermat li bejn is-16 u 17 ta' MArzu 2016 fil-hin ta' nofs il-lejl u sitt minuti hija flimkien ma WPC 60 u PC 101 kienu ghaddejja minn Triq Testaferrata Gzira k/ma Triq Enrico Mizzi. Sakemm kienu telghin beix javicinaw lill-appellanti rawha twaqqaf madwar zewg karozzi u ghalhekk iddecidew li jieqfu ma gendbha biex ikelmuha. Meta identifikaw ruhhom maghha irriultlhom li kient Tracey Borg minn San Pawl il Bahar l-akkuzata odjerna . Mistoqsija jekk waqfux il-karozzi li waqet l-appellanti tghid li le

Dak il-hin tghid li keccew lill-appellanti minn fuq il-post u qalulha li kienu ser johorgu ic-charges relattivi

**PC 276 Gregory Attard** xehed nhar l-24 ta' Frar 2017 u kkonfrma I bejn id-19 u l-20 ta' MArzu 2016 huwa flimkien ma WPC 94 u WPC 89 kienu qed ighamlu ronda ta' filghaxija gewwa l Msida , Gzira u ta' Xbiex uan rigwar tlajjar ghal prostituzzjoni. Mistoqsi jekk jafx lill-appellanti jghid li kienu gja waquha kwazi kul lejl . Dakinhar ghal habta ta' 12.10a.m l-appellanti kietn qed titlajja fi Triq testaferrata . Hi hu titlajja il-moviment taghha kien wiehed li kienet tielgha u nizla l-istess triq kontinwament . Tara karozza u kwazi tohrog f'nos tat-triq ha tolqotha . Malli resqu lejha indunaw li kienet l-appellanti . Qalulha biex titlaw 'l hemm . Aktar tard fl-4.00a.m matul l-istess lejl regghu awha fl-istes triq titlajja u dan bejn il-lejl tad-19 u l-2 ta' Marzu 2016. Kient libsa gakketta tal jeans issikata maghha, shorts tal jeans u tights iswed u dan fix-xahar ta' Marzu 2016.

**Ikkunsidrat.**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti.

1. Il-pulizija fosthom WPC 60 Grace Bartolo, PC 101 Ruznai Gaffarena, WC 89 Spiteri u WPC 94 Casha kienu qed ighamlu ronda fl-ekwati tal- Msida, Gzira u Ta' xbiex minhabba problema ta' tlajjar ghall–prostituzzjoni.
2. Jirrizulta li l-appellanti kienet hemm tiela' u nizla fl-istess triq, Triq Testaferrata k/m Triq Enrico Mizzi.
3. Jirrizulta li l-appellanti kienet qeda twaqqaf il-karozzi li kienu ghaddejja u li l-pulizija keccewha 'l hemm diversi drabi pero baqghet tippersisti u baqghet hemm.
4. Illi l-appellanti kienet libsa gakketta tal jeans issikata maghha , short tal jeans u tights suwed u dan bejn il-lejl tad-19 u 20 ta' Marzu 2016.
5. Waqt li fl-incident tad-9 ta' Marzu, 2016 kienet liebsa boots, twil sa l-irkoppa libsa qasira irrigata bl-abjad u iswed.

Ikkunsidrat,

Il-Qorti ghalhekk thoss li ghandha l-ewwel taghmel xi konsiderazzjoni ta' dritt.

L-akkuza principali apparti dik ta' recidiva hija dik naxxenti mill-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' dwar l-Qirda tal-Kummerc tal-Prostituzzjoni u cioe' li:
*' kull minn f'xi triq jew f'post iehor pubbliku jew xi post espost ghall-pubbliku jitlajja jew jaghmel biex jhajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali, jehel...'*

Illi ghalhekk biex titmexxi prosekuzzjoni taht l-**artikolu 7(2) tal-Kap 63** irid jigi ppruvat, fi grad rikjest mill-ligi ghal procedimenti penali, li l-persuna akkuzata tkun fi triq jew f'post pubbliku jew espost ghall-pubbliku, '*tlajjat*' (*loitered*) jew ghamlet biex 't*hajjar*' (*solicited*) ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova tista' ssir permezz ta' diversi cirkostanzi, mehuda wahedhom jew flimkien, bhal per ezempju diskors li ntqal, pozi li ttiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna ddum f'post partikolari u lil minn tavvicina u hafna cirkostanzi ohra.

Fil-kaz **<u>'Brendith v Bunridge'</u>** [1], '*prostituta*' giet ritenuta li kienet qed taghmel biex titlajja ghal skop ta' prostituzzjoni billi semplicement qaghdet liebsa skullata fuq banketta gholja wara l-hgieg ta' tieqa li kienet taghti ghat-triq lluminata b'dawl ahmar. Dan il-kaz qed jigi citat proprju ghax kien jikkoncerna d-disposizzjoni tal-Street Offence Act 1959 li fuqha gie modellat is-sub artikolu 2 tal-artikolu 7 tal-Kap 63.

**L-artikolu 7(2) tal-Kap 63** huwa simili jekk mhux identiku ghal artikolu 1(1) ta' The Street Offences Act 1959, li jsemmi l-kliem '*loitering*' u '*soliciting*' u dan ghaliex t-tifsira ta' wahda minn dawn il-kliem ma tinkludix t-tifsira tal-kelma l-ohra. Waqt li l-kelma '*tlajjar*' tfisser aktar milli prostituta mixja bil-mod jew tieqaf f'okkazzjoni wahda, u ghalhekk komportament ripetittiv u kontinwu huwa necessarju sabiex jigi ppruvat li l-prostituta qed tipprostitwixxi ruhha.

---

[1] 1977) 1. W.L.R. 2a

Fil-fatt l-Qorti Ingliza tat tifsira ghal kelma '*loitering*' fis-sentenza **'Bridge vs Campbell**[2]' fejn gie stabbilit li
"*loitering means lingering with no intent to move on and may be engaged in while in a vehicle as well as on foot*".

Ghalhekk kemm jekk l-komportament ikun bil-mixi jew kemm jekk ikun b'karozza, dan hu irrelevanti basta li l-klijenti prospettivi jigi attirati. L-intenzjoni tal-legislatur meta ppromulga l-Street Offences Act 1959 li fuqha hija disinjata l-ligi taghna kienet li teqred l-prostituti mit-toroq u postijiet pubblici, meta dawn qed jikkrejaw dwejjaq bl-ezercizzju tas-sengha taghhom.

Il-kelma tlajjar jew kif inhi aktar maghruha bl-ingliz 'soliciting' tfisser mhux biss diskors izda anke movimenti tal-wicc u gisem bhal per ezempju tbissima jew xi indikazzjoni li tindika invit ghal prostituzzjoni. Per ezempju fis-sentenza **'Field vs Chapman**[3]', l-akkuzata kienet giet misjuba hatja ta' dan r-reat a bazi ta' tlajjar ghaliex qaghdet bil-wieqfa quddiem toilet tal-igriel tidhqilhom.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v Antonio Spiteri'**[4], il-Qorti tenniet 'li r-reat jimporta certu grad ta' '*persistenza jew molestja (annoyance).*'

L-iskop tal-ligi hu li tipprotegi nies ghaddejja ghal affari taghhom u li m'ghandhomx hsieb ta' avventuri u m'ghandhomx jigu imdejjqa. Ghal nies bhal dawn proposta wahda biss hija '*annoyance*'.

---

[2] 1947

[3] 1955

[4] Decisa mill-Qorti tal Appelli Kriminali 27 t Jannar 1945

Il-ligi xejn aktar ma trid milli wiehed jdejjaq persuna ghal skop ta' prostituzzjoni. Fil-fatt fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Sultana**,[5] gie deciz li:- '*ghall-ezistenza ta' tlajjar bizzejjed proposta minn naha wahda biss, m'hemmx bzonn li din tigi imtennija b'persistenza jew pertinacja'.*

Jekk wiehed jezamina d-debates li ghaddew mill-Parlament meta kienet qed tigi promulgata din il-ligi, fit-tieni qari, seduta numru 226, fol 358 et seq, insibu definizzjoni li l-Professur Guido DeMarco jaghti ghat-tifsira ta' tlajjar. Huwa jghid :

'*biex jkollok kaz ta' tlajjar li tista tmexxi 'l quddiem mhux bizzejjed li l-Pulizija tghid li kienet ghassa u rat lit-tali persuna tmur fuq bniedem u tkellmu u tghid li hi fehmet li kien qed jitkellmu ghal skopijiet ta' prostituzzjoni... In mankanza ta' prova li xi hadd gie effettivament avvicinat ghal tali skop, r-reat ta' tlajjar ma jikkonfigurax*'.

Issa jekk wiehed iqis c-cirkostanzi ta' dan il-kaz isib li l-imputata kienet miexja fid-dlam fix-xitwa, wahedha fis-sieghat ta' bil-lejl u ohrajn bikrin ta' filghodu fi Triq Testaferrata post maghruf ghall-prostituzzjoni. Skond PC 101 Ruznai Gaffarena u WPC 60 Grace Bartolo , l-appellanti kienet miexja 'l fuq u 'l isfel fl-istess triq, twaqqaf ix-xuffiera ta' karozzi u tersaq lejhom. L-ilbies taghha kien ilbies indikattiv tal mestier u cioe libsa ssikkata abjad u iswed qasir u f'okkazzjoni ohra shorts minkejja li kien ix xahar ta' MArzu fuq tights u gekketta tal jeans. Dawn huma provi cirkostanzjali li jorbtu lill-appellanti mar-reat principali ta' tallaj ghal skop ta' prostituzzjoni.

Dwar l-akkuza ta' recidiva issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**[6] intqal:

---

[5] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar it-13 taa Dicembru 1953

[6] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar l-24 ta' Frar 2003 Appell Numru 272/2002

*"Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi preċedenti kif ukoll billi jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn eżami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna kkundannata) jew minn eżami tal-atti tal-kawża ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tiġi akkużata bir-reċidiva."* ( Vide **anke Pulizija vs Anthony Sammut**[7] , **Pulizija vs Paul Abela**[8] u **Pulizija vs Jason James Agius** [9]– kollha Appelli Kriminali)

Il-prova tar-reċidiva f'dan il-każ tinsab a folio 34 et seq tal-proċess, fejn hemm kopji uffiċjali tas-sentenzi li ngħataw fil-konfronti tal-appellant f'diversi snin 2015 u 2016 fejn kienet weħlet diversi perijodi ta' prigunerija. M'hemm ebda dubju li hija l-istess persuna stante li l-karta tal-identita' fis-sentenzi u dik tal-akkuża odjerna jaqblu perfettament.

Ghalhekk din l-akkuza ta' recidva tirrizulta ukoll.

Dwar il-piena, mill-fedina penali aggornata tal-appellanti jirrizulta lil mill-1982 'l hawn hija instabet hatja mill-Qrati mhux inqas minn tlieta u sebghin (73) darba li l-parti kbira ta' dawn il-convictions kienu proprju jirrigwardaw akkuzi ta' tlajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali. Instabet ukoll hatja ta' akkuzi ta' serq nuqqas ta' obbedienza ta' ordni legittii moghtija lilha minn ufficcjali pubbbici kif ukoll ta' pusess ta' droga. Il-Qrati dejjem imxew b' mod miti maghha izda hi baqghet tippersisti fil-hajja refrattarja taghha.

[7] Deciz mill-Qorti tal- appelli Kriminali nhar id-9 ta' Gunju 2004

[8] Deciz mill-Qorti tal appelli Kriminali nhar l-10 ta' Settembru, 2004

[9] Deciz mill-Qorti tal appelli Kriminali nhar il-5 ta' Novembru 2001

Bizzejjed jinghad li f'din il-kawza l-qorti kienet semghet lill-ufficcjal tal-Probation Deborah Farrugia tixhed f'diversi okkazzjonijiet peress li hija kienet ghamlet xi zmien issegwi lill-appellanti u din kkonfermat li l-appellant ma tattendix b'mod regolari ghall-appuntamenti li jigu moghtija lilha u ma ssegwix id-direzzejoni taghha u taqbad u ma tattendix ghall-appuntamenti u wisq inqas tiehu id-direzzjoni li l-ufficcjal tipprova taghtiha.

Jidher car li l-appellant trid tibqa' tghamel li trid u tahseb li min ghaliha ser tibbenefika min xi immunita. Temmen li hi 'l fuq mill-ligi u ma tridx tifhem li jekk tizbalja ser issib l-id kifra tal–gustizzja. Jidher li anke f'Awwissu 2019 pendenti dan l-istess appell l-kampjun tal- awrina taghha ta' rizultat posittiv ghall-presenza ta' droga u dan filwaqt li din il-Qorti kienet qed taghtiha chance tirriforma ruhha. Jidher li apparti din il-problema ta' akuta ta' persistenza ta' tlajjar ghandha problema ohra ta' abbuz ta' droga pero cio nonnostante ma tridx tghin ruhha.

Din il-Qorti ghamlet minn kollox sabix tghin kul min deher quddiemha bil-problema ta' abbuz ta' droga pero dan ghamlitu BISS meta kienet konvinta li dak li jkun irid ighin ruhhu u ibiddel hajtu. F dan il-kaz din il-Qorti minkejja li tat ic-chance lill-appellanti din ma tghalmitx tisfrutta l opportunita mghotija lilha

Ghalhekk f'dawn ic-cikorstanzi din il-Qorti m ghandhiex triq ohra salv li tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-intier taghha kemm fir-reward tal-htija misjuba kif ukoll fir rigward tal- piena inflitta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur